**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Dicembru, 2017**

**Talba Nru: 250/2017PM1**

**Christopher Degiorgio (ID 282087(M)) u Maria Vella (ID 42588(M))**

**Vs**

**Lowell Fenech (ID 76386(M)) u Dinahlee Fenech (ID 469193(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Mejju, 2017 permezz ta' liema l-atturi qed jitolbu l-hlas tas-somma ta' tlett elef, tlett mija u tnejn u sebghin euro u tnax-il centezmu (€3372.12) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' tlitt elef, mitejn u tletin ewro u tnejn u hamsin centezmi (€3230.52) parti minn somma akbar ta' €3501.45 konsistenti minn zewg pagamenti mghoddija lill-intimati kif mitlub minnhom ghal xogholijiet elenkati fil-lista ta' xogholijiet li kellhom isiru mill-intimat Lowell Fenech gewwa l-proprjeta` tal-atturi izda li ma sarux hlief ghal ftit xogholijiet minimi kif koperti vva lutati mill-periti imqabbdin mill-atturi ghas-somma ta' €270.93 kif kopert mid-

differenza bejn is-somma hawn fuq indikata u l-ammont akbar li thallas lill-intimati u dana wara li l-intimat Lowell Fenech abbanduna hesrem ix-xogholijiet li kellu jaghmel fil-waqt li l-intimati issa qed jirrifjutaw li jirrifondu s-somma mitluba, u in kwantu ghas-somma ta' mija wiehed u erbghin ewro u sittin centezmu (€141.60) rapprezentanti l-ispejjez konnessi mar-rapport peritali hawn fuq imsemmi; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet fuq is-somma ta' €3230.52 dekorribbli mill-21 ta' Jannar, 2017 rapprezentanti d-data meta l-intimat Lowell Fenech abbanduna x-xogholijiet in kwistjoni flimkien mal-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-istess ismijiet ta' din it-talba prezentat kontestwalment ma' din it-talba, kontra l-konvenuti.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz (Dok. A sa Dok. F.) prezentati mill-atturi a sostenn tat-talba taghhom.

Ra r-risposta tal-konvenuti permezz ta' liema gie eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi s-somma reklamata m'hijiex dovuta u dana kif ser jirrizulta ahjar mill-provi prodotti waqt it-trattazzjoni tal-kawza, salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

Sema' x-xhieda tal-atturi moghtija waqt is-seduta tat-30 t'Ottubru, 2017 (fol. 19 sa fol. 23 tal-process).

Ra d-dokumenti ezebiti mill-attur Christopher Degiorgio matul l-istess seduta (fol. 24 sa fol. 38).

Sema' x-xhieda tal-Perit Dirk Psaila waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru, 2017 u ra li waqt tali seduta l-atturi ddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi. Il-kawza baqghet differita ghall-provi tal-intimati.

Ra li wkoll waqt is-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2017 baqghu ma deherux l-intimati u lanqas ma deher hadd ghalihom minkejja li l-kawza kienet differita ghall-provi taghhom.

Sema' t-trattazzjoni tar-rapprezentant legali tal-atturi u ra li l-kawza giet differita ghall-ghoti tas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi l-kawza odjerna tirrigwardja talba ghar-rifuzjoni ta' somma zejda mhallsa mill-atturi lill-intimat ghal xogholijiet ta' elettriku u *plumbing*, fost ohrajn, wara li l-intimat waqaf hesrem milli jwettaq l-appalt moghti lilu oltre s-somma rapprezentanti drittijiet peritali ghall-hrug tar-rapport relattiv li ddetermina il-valur effettiv tax-xogholijiet li kienu lahqu gew finalizzati min-naha tal-intimat wara li dan waqaf mix-xoghol.

Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal isib illi x-xhieda moghtija mill-atturi u wkoll mill-Perit inkarigat minnhom tinsab interament sorretta mid-dokumentazzjoni ezebita mill-istess atturi u x-xhud taghom. Jirrizulta fil-fatt illi l-atturi kienu wettqu favur l-intmati zewg pagamenti akkont tal-prezz tal-appalt. Wara t-tieni pagament jidher li bdew il-problemi tant illi l-attur beda jikteb lill-intimati sabiex iheggeg it-tlestija tax-xogholijiet (ara f'dan is-sens Dok. CD4 a fol. 27 tal-process). Jidher li x-xogholijiet baqghu ma tlestewx u bdew id-diskussjonijiet fir-rigward tar-rifuzjoni. Jidher li f'dan ir-rigward ukoll l-intimati kienu sahansitra disposti li jirrifondu it-tieni pagament ta' €1750 imwettaq mill-atturi imma ma kenux qeghdin jaqblu li kellhom jirrifondu aktar minn hekk (ara f'dan is-sens Dok. CD6 a fol. 29 tal-process).

Illi fir-rigward tal-ammont li ghandu jigi rifuz il-Perit Dirk Psaila xehed ukoll estensivament u kkonferma il-kontenut tar-rapport tieghu a fol 6 u 31 rispettivament tal-process inkluz ukoll il-valur tax-xogholijiet li kienu lahqu tlestew mill-intimat Lowell Fenech fil-valur ta' €270.93. L-istess Perit xehed ukoll li: "*a bazi ta' dak li jiena rajt fuq il-post kull ma kien lahaq ghamel l-intimat jidher li kienet gurnata xoghol u kwindi nghid li fl-opinjoni tieghi kien ghadu kif beda x-xogholijiet. Nghid li ghalkemm jiena ma dhaltx fuq il-kwistjoni dwar jekk ix-xoghol kienx sar skont is-sengha u l-arti minhabba r-raguni li semmejt stajt diga` niddetermina li kien hemm xi xoghol li ma kienx sar diga` kif*

*suppost, per ezempju anke fir-rigward tat-thaffir tat-trinek, pero` peress li x-xoghol kien ghadu fil-bidu tieghu nghid li dan ix-xoghol seta' jigi facilment korregut.*"

Illi in materja prettament legali jinghad li l-art. 1640 tal-**Kodici Civili** jipprovdi espressament li:

> *(1) Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda.*
>
> *(2) Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.*
>
> *(3) Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.*
>
> *(4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma l-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun tax-xogħol kull eċċess li jirriżulta.*
>
> *(5) Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiż joni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti.*

Huwa car li, f'dan il-kaz partikulari, id-dewmien ezagerat fit-twettieq tax-xoghol u l-abbandun tal-istess jikkostitwixxu raguni tajba ghat-terminazzjoni tal-appalt tant illi l-uniku disgwid kien jirrigwardja biss is-somma li ghandha tigi rifuza.

Illi f'dan ir-rigward jinsab deciz, in linea mad-disposizzjonijiet surreferiti, li:

*Jekk il-kuntratt jinhall ghal raguni tajba, min jaghti x-xoghol huwa obbligat ihallas lill-appaltatur biss il-prezz tal-materjal li jkun intuza fix-xoghol li jkun lahaq gie konsenjat lil, u mizmum minn, min jaghti x-xoghol, liema prezz jithallas ukoll minn xi hlas akkont li l-appaltant ikun wettaq bil quddiem lill-appaltatur. Dan ghandu, min-naha tieghu, irodd lura lil min qabbdu jaghmel ix-xoghol dik il-parti mis-somma mhallsa lilu bil quddiem li tkun tisboq il-prezz tax-xoghol li lahaq sar u l-materjal uzat u moghti lill-appaltant.* (**Alcasons & Company Ltd Noe Vs Tigne Development Company Ltd Noe** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Lulju, 2004).

Illi ghaldaqstant it-Tribunal isib li t-talba attrici hija gustifikata tenut kont tas-surreferit u wkoll tal-fatt li l-intimati ma ressqu ebda prova a sostenn tad-difiza wkoll ghal kollox vaga imressqa minnhom permezz tar-risposta taghhom. Hija gustifika wkoll it-talba attrici sakemm din tirreferi ghall-ispejjez derivanti mir-rapport peritali u wkoll dawk derivanti mill-proceduri gudizzjarji odjerni u dawk koncernanti l-mandat kontestwalment prezentat mill-istess atturi. Fir-rigward tal-imghaxijiet, it-Tribunal isib li dawn ghandhom jibdew jiddekorru mid-data illi fiha l-azzjoni odjerna giet debitament notifika lill-intimat dan ukoll in linea ma' dak deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' deciza fis-17 ta' Frar, 2003.

**Decide**

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-intimati, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-intimati jhallsu lill-atturi s-somma ta' tlett elef, tlett mija u tnejn u sebghin euro u tnax-il centezmu (€3372.12) kif mitlub bl-ispejjez u bl-imghaxijiet fuq is-somma mitluba dekorribbli mit-23 t'Awwissu, 2017 rapprezentanti d-data ta' notifika tat-talba odjerna lill-intimati flimkien mal-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju

fl-istess ismijiet ta' din it-talba prezentat kontestwalment ma' din it-talba, kontra l-istess konvenuti.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**